MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 483/2014

**GO plc**
**C-22334**

**vs**

**Pizzino Francesco**
**ID18136-[A]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta` attrici iddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta` attrici s-somma ta’ disa’ mija, hamsa u sittin ewro, hamsa u sittin centezmu (€965.65c) in konnessjoni ma’ *Bundle Service Agreement Home Pack 33* (AC40146138) skond kuntratt datat 21 ta’ Ottubru, 2011.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2865/13, u bl-imghaxijiet legali sa mill-25 ta' Novembru, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti li gew ipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.'A' sa Dok.'E'.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha d-deposizzjoni tar-rapprezentant tas-Socjeta` attrici, liema xhieda nghatat fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2015, fejn gie dikjarat illi l-konvenut ma wettaq ebda hlas in rigward l-ammont pretiz u ghalhekk l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija, hamsa u sittin ewro, hamsa u sittin centezmu (€965.65c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------